# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

# IMĦALLEF

# ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM il-Ħamis, 11 ta' Ġunju, 2020**

**Kawża Nru. 2**

**Rik. Nru. 1044/08JRM**

Anthony **MUSCAT** u Malcolm Muscat

vs

Anthony **NICHOLL,** Patrick Nicholl, Pharma.MT Limited (C – 42603) u Valletta Pharmaceuticals Limited (C – 37635)

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fl-14 ta' Ottubru, 2008, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra l-atturi talbu li l-Qorti (1) tiddikjara illi l-aġir ta' l-imħarrkin Nicholl, ukoll dak li seħħ permezz tas-soċjetà mħarrka, bħala wiehed abbużiv u irregolari; (2) tiddikkjara illi dana l-istess aġir ta' l-imħarrkin Nicholl ikkawżalhom danni konsistenti fi tnaqqis fil-valur ta' l-ishma tagħhom,

magħdud tnaqqis fil-valur ekonomiku ta' l-avvjament tal-kumpannija Interpharma Company Limited u telf ta' tkabbir futur ta' l-istess avvjament; (3) tillikwida, jekk meħtieġ billi taħtar periti għal dan il-għan, id-danni hekk ikkawżati lilhom; u (4) tikkundanna lill-imħarrkin, jew lil min minnhom, iħallsu s-somma hekk likwidata minn din il-Qorti, flimkien mal-imgħaxijiet kummercjali. Talbu wkoll l-ispejjeż;

Rat it-Tweġiba Maħlufa tal-intimati kollha imressqa fit-3 ta' Novembru, 2008, li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, laqgħu għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, (i) qalu li r-Rikors Maħluf ma jiswiex għaliex ma jħarisx dak li titlob il-liġi fl-artikolu 156(1)(a) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta minħabba premessi vagi li ma jidentifikawx liema mill-premessi japplika għal min minnhom; (ii) qalu li l-kumpannija mħarrka Valletta Pharmaceuticals Limited imissha tinħeles milli tibqa' fil-kawża għaliex mhix il-kontradittriċi leġittima dwar l-ebda waħda mit-talbiet attriċi u għaliex hija m'għandha l-ebda rappreżentanza f'Malta ta' xi ditti barranin li kienu jqassmu l-prodotti tagħhom lill-kumpannija Interpharma Company Limited; (iii) qalu li l-kumpannija mħarrka Pharma.MT Limited ukoll imissha tinħeles milli tibqa' fil-kawża għaliex mhix il-kontradittriċi leġittima dwar l-ebda waħda mit-talbiet attriċi; u (iv) jonqos fl-atturi bħala azzjonisti ta' Interpharma Company Limited l-interess dirett billi jekk inhu minnu li ġġarrbu xi danni, dawn seħħew bi ħsara għal Interpharma Company Limited u mhux bi ħsara għall-atturi. Fil-mertu, laqgħu billi qalu li ħadd minnhom ma jaħti għal xi għemil mhux xieraq lejn l-atturi u għalhekk ħadd minnhom ma għandu jagħmel tajjeb għal xi danni li jippretendu l-atturi li, min-naħa tagħhom, għandhom jippruvaw kif imiss id-danni li jgħidu li ġarrbu;

Rat is-Sentenza preliminari tagħha tat-13 ta' Novembru, 2008[1], li biha u għar-raġunijiet hemm imsemmija, ċaħdet l-ewwel eccezzjoni preliminari u sabet li l-azzjoni mressqa mill-atturi kienet tiswa;

Rat in-nota mressqa mill-atturi fit-28 ta' Novembru, 2008[2], għall-finijiet tad-degriet tat-13 ta' Novembru, 2008, dwar ir-raba' eċċezzjoni u li biha fissru l-azzjoni mressqa minnhom bħala kawża għad-danni;

Rat in-nota mressqa mill-atturi fit-2 ta' Frar, 2009[3], bix-xhieda tagħhom bil-mezz tal-affidavit u dik imressqa minnhom waqt is-smigħ tat-12 ta' Mejju, 2009[4], bil-provi dokumentali mehmużin magħha;

Rat in-nota mressqa mill-atturi fit-3 ta' Frar, 2010[5];

[1] Paġġ 65 sa 74 tal-proċess
[2] Paġġ 75 – 6 tal-Proċess
[3] Paġġ 78 sa 87 tal-Proċess
[4] Paġġ. 107 sa 215 tal-proċess

Rat il-provvediment tagħha tat-22 ta' Frar, 2011[6] li bih ipprovdiet dwar it-talba tal-imħarrkin biex il-Qorti tgħaddi biex tisma' t-trattazzjoni dwar ir-raba' eċċezzjoni preliminari u tagħti sentenza dwarha qabel ma tkompli tisma' l-mertu;

Rat ir-rikors mressaq mill-atturi Anthony u Malcolm Muscat fis-27 ta' Mejju, 2015[7], r-risposta ta' l-intimati imressqa fid-29 ta' Mejju, 2015 kif wkoll d-digrieti tagħha mogħtija fit-28 ta' Mejju, 2015 u l-1 ta' Ġunju, 2015 rispettivament;

Rat id-digriet tagħha tal-11 ta' Ġunju, 2015[8], fejn il-partijiet ddikkjaraw li m'ghandhomx izjed provi xi jressqu u talbu li jagħmlu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet imressqa mill-atturi Anthony u Malcolm Muscat fit-30 ta' Ottubru, 2015[9];

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-imħarrkin kollha mressqa fit-28 ta' Jannar, 2016[10];

Semgħet it-trattazzjoni ulterjuri tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża u kif ukoll dawk tal-atti tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju[11] u dawk tat-talba għaqt-tħassir tiegħu[12];

Rat id-degrieti li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni ta' danni meħuda minn azzjonisti ta' kumpannija li jixlu lill-imħarrkin b'imġiba li tikkonkorri mal-interessi tal-istess kumpannija. L-atturi (minn issa 'l hemm imsejħin "Muscat") jgħidu li l-imħarrkin (minn issa 'l hemm imsejħin "Nicholl") bdew juru x-xewqa li jieħdu ditti farmaċewtiċi barranin li magħhom il-kumpannija Interpharma Company

[5] Paġ 1095 tal-Proċess
[6] Paġ 1224 u 1225 tal-proċess
[7] Paġ 1532 sa 1536 tal-proċess
[8] Paġ 1538 tal-proċess
[9] Paġ 1546 sa 1600 tal-proċess
[10] Paġ 1604 sa 1629 tal-proċess
[11] Mandat Nru. 1475/08
[12] Rik. Revoka Nru. 1120/08JRM dekretat fil-11.8.2009

Limited (minn issa ’l hemm imsejħa “Interpharma”) kellha negozju. Muscat u Nicholl kienu l-azzjonisti ta’ Interpharma. Muscat jgħidu li Nicholl ressqu riżoluzzjoni għax-xoljiment ta’ Interpharma meta, skond Muscat, ma kien hemm l-ebda raġuni tajba għal dan, u minnufih wara, Nicholl webblu lid-ditti barranin li kienu jfornu l-prodotti tagħhom lil Interpharma, biex jieqfu jfornuha u biex jibdew ifornu xi kumpanniji mmexxijin mill-imħarrkin Nicholl. Muscat jgħidu li dan wassal għall-waqgħa tal-attività tal-kumpannija u t-telf tal-isem tajjeb li hija kellha fuq is-suq. Fiż-żmien li kienu miexja l-proċeduri ta’ stralċ ta’ Interpharma, u minkejja l-ħatra ta’ amministratur proviżorju biex kemm jista’ jkun inaqqas id-dannu u jiġu mħarsa l-interessi ta’ Interpharma, Nicholl irnexxielhom iġibu fi tmiem il-ftehim li Interpharma kellha mad-ditti barranin u laħqu ftehim separat magħhom;

Illi għal din l-azzjoni, Nicholl laqgħu billi, b’mod preliminari, (i) qalu li r-Rikors Maħluf ma jiswiex għaliex ma jħarisx dak li titlob il-liġi fl-artikolu 156(1)(a) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta minħabba premessi vagi li ma jidentifikawx liema mill-premessi japplika għal min minnhom; (ii) qalu li l-kumpannija mħarrka Valletta Pharmaceuticals Limited imissha tinħeles milli tibqa’ fil-kawża għaliex mhix il-kontradittriċi leġittima dwar l-ebda waħda mit-talbiet attriċi u għaliex hija m’għandha l-ebda rappreżentanza f’Malta ta’ xi ditti barranin li kienu jqassmu l-prodotti tagħhom lill-kumpannija Interpharma Company Limited; (iii) qalu li l-kumpannija mħarrka Pharma.MT Limited ukoll imissha tinħeles milli tibqa’ fil-kawża għaliex mhix il-kontradittriċi leġittima dwar l-ebda waħda mit-talbiet attriċi; u (iv) jonqos fl-atturi bħala azzjonisti ta’ Interpharma Company Limited l-interess dirett billi jekk inhu minnu li ġġarrbu xi danni, dawn seħħew bi ħsara għal Interpharma Company Limited u mhux bi ħsara għall-atturi. Fil-mertu, laqgħu billi qalu li ħadd minnhom ma jaħti għal xi għemil mhux xieraq lejn l-atturi u għalhekk ħadd minnhom ma għandu jagħmel tajjeb għal xi danni li jippretendu l-atturi li, min-naħa tagħhom, għandhom jippruvaw kif imiss id-danni li jgħidu li ġarrbu;

Illi b’sentenza preliminari, din il-Qorti ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni preliminari u sabet li l-azzjoni tressqet sewwa;

Illi bħala <u>fatti relevanti li joħorġu mill-atti tal-kawża</u>, jirriżulta li f’Ottubru tal-1985, twaqqfet Interpharma li kellha bħala azzjonisti w diretturi lil Anthony Nicholl u l-Avukat Simon Tortell[13]. Fis-sena 1986, Anthony Nicholl kiseb is-sehem li l-Avukat Simon Tortell kellu fil-kumpannija[14], u sar id-direttur ewlieni tagħha[15]. Fl-istess żminijiet, intlaħaq ftehim bejn Anthony Nicholl u Anthony Muscat biex it-tnejn jibdew imexxu l-kumpannija flimkien, wara li

[13] Dokti. “TN5” u “TN5A” f’paġġ. 1369 sa 1391 tal-proċess
[14] Dok. “TN6” f’paġ. 1393 tal-proċess
[15] Paġ. 352 tal-proċess

huma kienu ilhom jafu lil xulxin bosta snin minħabba li t-tnejn kienu spiżjara li iggradwaw fl-istess kors fl-Università u kienu ilhom sa mill-1978 f'kumpannija kummerċjali jmexxu stabiliment kummerċjali (ristorant) flimkien[16];

Illi, fil-fatt, sa Mejju tal-1986, Interpharma kellha bħala azzjonisti lill-imħarrek Anthony Nicholl u lill-attur Anthony Muscat[17] u t-tnejn li huma kellhom ishma ndaqs[18]. Dan jidher li kien il-bidu tan-negozju bejn Nicholl u Muscat f'dak li jirrigwarda l-importazzjoni u distribuzzjoni ta' mediċinali f'Malta. Biex seta' jsir dan, Interpharma daħlet f'numru ta' ftehim ("*Sole Distribution Agreements")*[19] ma' ditti barranin ta' farmaċewtiċi jew prodotti ta' sbuħija. Fil-każ ta' wħud minn dawn il-ftehim, kien l-imħarrek Nicholl li sabhom u ftiehem magħhom sa minn żmien qabel ma l-attur Anthony Muscat issieħeb fil-kumpannija[20];

Illi fil-bidu tas-sħubija tagħhom, Anthony Muscat kellu rwol aktar attiv, minħabba l-fatt li Anthony Nicholl kellu impenji politiċi f'dawk iż-żminijiet[21]. Maż-żmien, iżda, t-tmexxija ta' Interpharma waqgħet f'idejn Anthony Nicholl[22]. Min-naħa l-oħra, jirriżulta li Anthony Nicholl ma kellux kuntatt ma erba' mid-ditti li kienu jaqgħu taħt il-"portafol" ta' Interpharma[23];

Illi bejn id-ditti kien hemm distakk f'dak li jirrigwarda d-dħul kif ukoll spejjeż relatati. Uħud mill-prodotti ta' ditti kienu jitolbu li ssir il-promozzjoni[24], reklamar u t-tqassim tagħhom f'diversi spiżeriji u kliniċi mxerrda f'Malta, filwaqt li prodotti ta' ditti oħrajn kienu jinġiebu Malta minn Interpharma frott tal-għoti ta' kuntratt wara sejħat pubbliċi għall-offerti magħmula mill-awtoritajiet tal-Gvern[25]. Ħareġ ukoll[26] li kien hemm ditti barranin li kienu jħallsu kummissjoni dwar xi prodotti tagħhom li jinbiegħu f'Malta, imma l-partijiet ma qablux jekk dawk il-kummissjonijiet kienx imissha tibbenefika minnhom Interpharma, jew jekk kellhomx jibbenefikaw minnhom xi diretturi partikolari personalment;

Illi l-kumpannija mħarrka Valletta Pharmaceuticals twaqqfet f'Diċembru tal-2005[27], bl-għan ewlieni tagħha jkun l-importazzjoni u l-esportazzjoni ta' prodotti farmaċewtiċi jew prodotti jixbhuhom, u ż-żamma ta' liċenzji għal dan il-għan. Mill-provi mressqa, ħareġ li din il-kumpannija – li

16 Affidavit tal-imħarrek Tony Nicholl f'paġ. 1346 tal-proċess
17 Dok. "TN6" f'paġ. 1392 tal-proċess
18 Dok "SD1", f'paġġ. 284 sa 291 tal-proċess
19 Dok. "SF1" f'paġġ. 678 sa 791 tal-proċess u Dok. "M11" sa Dok. "M13" f'paġġ. 127 sa 193 tal-proċess
20 Ara x-xhieda tal-attur Anthony Muscat f'paġ. 1277 tal-proċess
21 Ara l-affidavit tal-attur Anthony Muscat f'paġ. 79 tal-proċess
22 Ara x-xhieda ta' James Vella f'paġ. 1320 tal-proċess
23 Dok. "M14" f'paġġ. 194 – 5 tal-proċess li huma mmarkati bis-sinjal (***)
24 Dokti "RJV4" sa "RJV19", f'paġġ. 1136 sa 1151 tal-proċess
25 Ara x-xhieda ta' James Vella f'paġġ. 1327 – 8 tal-proċess
26 Xhieda ta' Dr Stefano Filletti f'paġġ. 1214 – 6 tal-proċess
27 Dok "SD3", f'paġġ. 581 sa 592 tal-proċess

fiha ulied l-imħarrek Anthony Nicholl kellhom biss terz ($^1/_3$) tal-ishma tagħha bejniethom – kienet imdaħħla fil-qasam li tesporta u ma kinitx tmexxi negozju b'kompetizzjoni ta' Interpharma għaliex ma tirrappreżentax ditti barranin f'Malta;

Illi jirriżulta li, f'xi żmien, Malcolm Muscat (iben l-attur Anthony Muscat) u Patrick Nicholl (iben l-imħarrek Nicholl) bdew jaħdmu ma' Interpharma. Malcolm Muscat iddaħħal ma' Interpharma fuq bażi *full time*, filwaqt illi Patrick Nicholl, għall-bidu, kien impjegat fuq bażi *part-time*[28]. Fis-sena 2006, Malcolm Muscat u Patrick Nicholl iddaħlu bħala azzjonisti fl-istess kumpannija wkoll. Jirriżulta wkoll li bejn is-sena 2005 u 2008, ulied Muscat u Nicholl fetħu numru ta' kumpanniji[29];

Illi jirriżulta li kemm Muscat kif ukoll Nicholl kellhom negozju, separat minn xulxin, fit-tmexxija ta' spiżerija. Għalkemm kien jiffrekwwenta l-istabbiliment ta' Interpharma kuljum, l-attur Muscat kien iqatta' ħin twil mill-ġurnata fl-ispiżerija tiegħu. L-attur Anthony Muscat kien wkoll azzjonist f'kumpannija oħra (Muscat Farrugia Limited), u ġieli mexxa din it-tieni kumpannija billi nqeda l-infrastruttura ta' Interpharma[30]. L-imħarrek Anthony Nicholl kien jaf b'dan, minkejja li qatt ma lmenta minnu quddiem l-attur Muscat[31];

Illi Anthony Muscat u Anthony Nicholl kellhom negozju ieħor flimkien, din id-darba fil-qasam tal-ikel u kostruzzjoni[32]. Aktar tard daħal magħhom fin-negozju wieħed James Vella. In-negozju ta' din il-kumpannija kien jitmexxa minn kamra fl-istess stabbiliment ta' Interpharma[33];

Illi Nicholl jgħidu li f'xi l-2003, intebħu li Muscat kienu qegħdin iġibu f'Malta (permezz tal-kumpannija Muscat Farruġia Limited) prodotti jixxiebhu ma' dawk li kienet iġġb Interpharma[34]. Il-qiegħa għaqdet f'nofs is-sena 2007 u lejn l-aħħar ta' dik is-sena[35] l-imħarrek Anthony Nicholl ippropona li Interpharma tinqasam, u dan issemma formalment ukoll f'laqgħa għad-diretturi ta' Interpharma li ssejħet fit-30 ta' Awwissu ta' dik is-sena[36]. Nicholl jgħid li l-proposta tiegħu kienet li, fi żmien xahar, jilħqu ftehim fuq il-qsim tad-ditti, u sal-aħħar tas-sena jilħqu ftehim fuq il-bqija[37]. Muscat, min-naħa l-oħra, jgħid li hu fehem li l-ftehim fuq kollox kellu jsir sa għeluq is-sena[38];

---

[28] Ara x-xhieda ta' Anthony Nicholl f'paġġ. 1478 sa 1481 tal-proċess
[29] Dokti. "B", "X2" u "Y1" f'paġġ. 17 sa 27 u 42 sa 61 tal-proċess
[30] Ara x-xhieda ta' James Vella f'paġġ. 1319 sa 1320 tal-proċess
[31] Ara x-xhieda ta' Anthony Nicholl f'paġġ. 1519 sa 1520 tal-proċess
[32] Dok. "TN1" f'paġġ. 1354 sa 1362 tal-proċess
[33] Ara x-xhieda ta' James Vella f'paġ. 1318 tal-proċess
[34] Dokti "AMA", "AMB" u "TN9" sa "TN11", f'paġġ. 1246, 1249 u 1396 – 8 tal-proċess
[35] Dok "AMC" f'paġġ. 1247 – 8 tal-proċess
[36] Dok "MA9", f'paġġ. 121 – 2 tal-proċess
[37] Ara x-xhieda tal-attur Anthony Muscat f'paġġ. 1488 sa 1489 tal-proċess
[38] Ara l-affidavit tl-attur Anthony Muscat f'paġ. 80 tal-proċess

Illi Nicholl jgħid li żamm ferm fuq il-fatt li ma riedx li jibqa' fil-kumpannija, iżda għamel ħiltu biex dak li kien tal-kumpannija jinqasam bejnu u bejn Muscat bl-aħjar mod[39]. Ma jidhirx li kien hemm kwestjonijiet bejniethom f'dak li għandu x'jaqsam ma' assi bħalma huma vetturi, u bejgħ ta' immobbli. Mhux l-istess iżda f'dak li għandu x'jaqsam ma' qsim ta' ditti. L-ewwel proposta ta' Nicholl ma ġietx aċċetta minn Muscat[40], b'Muscat iressaq kontro-proposta[41] li din id-darba ma ġietx aċċetta minn Nicholl. Jidher ukoll li Nicholl kien dispost li jċedi waħda mill-kumpannija li xtaq iżomm għalih lill Muscat, iżda għal dan ippretenda li Muscat iċedi waħda milli kellu hu. Tressqu proposti oħra minn Muscat[42], iżda bejn il-partijiet baqa' ma ntlaħaqx ftehim[43]. Jirriżulta wkoll li Muscat ippropona li kull parti tressaq persuna professjonali biex iqisu l-aħjar mod kif id-ditti setgħu jinqasmu, iżda Nicholl ma qabilx ma' dan[44]. Fi kliem Nicholl, ma kien hemm ħadd kapaċi li jifhem is-suq kif jaħdem biex seta' jgħinhom jilħqu ftehim[45];

Illi jirriżulta wkoll li, f'dawk l-istess żminijiet, f'Ottubru tal-2007, kienet twaqqfet il-kumpannija mħarrka Pharma.MT Limited[46]. L-għan ewlieni tagħha kien l-importazzjoni u l-esportazzjoni ta' prodotti farmaċewtiċi jew prodotti jixbhuhom u ż-żamma ta' liċenzji marbuta ma' dan l-għan. Għall-ewwel, l-azzjonisti tagħha kienu l-imħarrek Anthony Nicholl u martu (li bejniethom kellhom it-tmenin fil-mija (80%) tal-ishma tal-klassi "A") u binthom (li kellha l-għoxrin fil-mija (20%) l-oħrajn fil-klassi "B"). Sa sena wara, l-ishma "B" għaddew minn Elisa Nicholl għal għand Marco Manara[47], li xahar wara sar ukoll direttur tal-istess kumpannija minflokha[48]. Manara kien għamel żmien twil impjegat f'Interpharma bħala *marketing manager* u kien ukoll il-"*medical representative*" ta' waħda mid-ditti ewlenin (Mepha) li magħhom kienet taħdem Interpharma[49];

Illi sadattant, Nicholl kienu għarrfu lid-ditti barra minn Malta fornituri ta' Interpharma b'dak li kien għaddej fil-kumpannija, mingħajr ma għarrfu b'dan lil Muscat. Nicholl għarraf ukoll lill-impjegati bit-tmiem tal-kumpannija u dan wkoll mingħajr ma kkonsulta ma' Muscat. Nicholl kellu wkoll laqgħat mad-ditti barranin fl-istess żminijiet[50];

---

[39] Ara x-xhieda tal-imħarrek Anthony Nicholl f'paġ. 1508 tal-proċess
[40] Dok. "M14" f'paġġ. 194 – 5 tal-proċess
[41] Dok. "M15" f'paġ. 196 tal-proċess
[42] Dokti. "M16" u "M17" f'paġġ. 197 sa 199 tal-proċess
[43] Ara x-xhieda tal-imħarrek Anthony Nicholl f'paġ. 1508 sa 1513 tal-proċess
[44] *Ibid* f'paġ. 1424 tal-proċess
[45] Ara x-xhieda tal-imħarrek Anthony Nicholl f'paġ. 1512 tal-proċess
[46] Dokti "SD2" u "MAX", f'paġġ. 514 sa 529 u 1244 tal-proċess
[47] Dok "SD2" f'paġ. 518 tal-proċess
[48] Dok "DS2", f'paġ. 517 tal-proċess
[49] Xhieda ta' Marco Manara f'paġġ. 664, 674 u 675 tal-proċess
[50] Ara x-xhieda tal-imħarrek Anthony Nicholl f'paġġ. 1489 sa 1491, u 1524 tal-proċess

Illi fit-28 ta' Novembru, 2007, Nicholl nedew proċeduri quddiem din il-Qorti li bihom talbu x-xoljiment ta' Interpharma[51]. Dan wassal biex numru ta' ditti temmew il-ftehim li kellhom mal-kumpannija[52], u f'qasir żmien uħud minnhom bdew jiġu rappreżentati f'Malta mill-kumpannija mħarrka Pharma.MT[53]. Il-kumpannija Pharma.MT rebħet ukoll kuntratt wara sejħa pubblika għall-offerti mad-Dipartiment tal-Kuntratti f'Jannar 2008[54]. Fit-18 ta' Frar, 2008[55], issejħet l-aħħar laqgħa ġenerali straordinarja ta' Interpharma;

Illi, sadattant, il-Qorti ħatret amministratur proviżorju ta' Interpharma[56]. Bi qbil mal-partijiet, l-amministratur awtorizża li jsiru xi ħlasijiet li kienu pendenti ma' ditta partikolari, u l-kumpannija xtrat konsenja mingħand ditta barranija oħra sabiex setgħet twettaq obbligu li hija kellha mad-Dipartiment tal-Kuntratti dwar provvisti ta' mediċinali partikolari. Barra dawn il-ħlasijiet, ma ġie awtorizzat li jsir ebda negozju ieħor minn Interpharma;

Illi fl-14 ta' Ottubru, 2008, infetħet din il-kawża;

Illi b'degriet mogħti minn din il-Qorti fis-6 ta' Frar, 2009[57], intlaqgħet it-talba ta' Nicholl biex jibda l-istralċ ta' Interpharma u fl-istess provvediment l-Avukat Stefano Filletti nħatar bħala stralċjarju tal-kumpannija[58]. Interpharma kienet xolta fit-12 ta' Novembru, 2015;

Illi bħala <u>konsiderazzjonijiet ta' natura legali,</u> il-Qorti sejra l-ewwelnett tqis ir-**raba' eċċezzjoni tal-imħarrkin**, dik biha Nicholl jgħidu li Muscat **m'għandhomx l-interess ġuridiku** jmexxu l-kawża fil-kwalità li fiha qegħdin jidhru, għaliex l-interess jinsab biss f'Interpharma. Fi kliem Nicholl, l-azzjoni messha tressqet minn Interpharma u dan għal żewġ raġunijiet: l-ewwel, għaliex it-telf li Muscat jixlu li ġġarrab kien, fi kwalunkwe każ, telf imġarrab minn Interpharma u mhux minn Muscat; it-tieni, għaliex Muscat messhom ressqu kawża taħt l-artikolu 402(3)(e) tal-Att dwar il-Kumpanniji[59];

Illi għal din l-eċċezzjoni, Muscat jgħidu li l-azzjoni hija għal risarċiment ta' danni, u għandhom l-interess meħtieġ biex iressqu din il-kawża;

Illi l-imħarrkin jibnu l-argument tagħhom fuq il-premessi mressqa mill-atturi li bl-agir tal-intimati, l-valur tal-ishma tagħhom f'Interpharma tnaqqas jew inġab fix-xejn, għaldaqstant l-azzjoni segħet biss titressaq minn

[51] Rik. Nru. 1248/2007 JRM fl-ismijiet *Nicholl Anthony et vs. Interpharma Company Limited*
[52] Dok. "SF2" f'paġġ. 792 sa 808 tal-proċess
[53] Ara x-xhieda tal-imħarrek Anthony Nicholl f'paġġ. 1526 – 8 tal-proċess
[54] Dokti. "M1" – Dok. "M4" f'paġġ. 112 – 5 tal-proċess
[55] Dok "MA10", f'paġġ. 123 – 4 tal-proċess
[56] Degriet tas-6.2.2009
[57] Dok. "CB" f'paġ.598 tal-proċess
[58] Dok. "CB2" f'paġ. 599 tal-proċess
[59] Ara Nota ta' Sottomissjonijiet tal-imħarrkin f'paġġ. 1610 sa 1617 tal-proċess

Interpharma. L-imħarrkin jistrieħu fuq il-prinċipju li kumpannija għandha personalità ġuridika għaliha u maqtugħa minn dik tal-azzjonisti tagħha;

Illi fuq l-imsemmi prinċipju, l-imħarrkin jisiltu l-*proper claimant rule* biex jgħidu li l-ebda wieħed mill-atturi f'din il-kawża ma għandu s-setgħa li jmexxi 'l quddiem il-kawża ta' dannu ladarba l-allegat dannu ġġarrab mill-kumpannija. Jgħidu li huwa biss f'azzjoni derivativa taħt id-dispożizzjonijiet relativi tal-Kapitolu 386 tal-Liġijiet ta' Malta[60], li azzjonist jikseb il-leġittimazzjoni attiva biex jiftaħ kawża b'ħarsien ta' jeddijiet tiegħu bħala azzjonist f'kumpannija kummerċjali;

Illi min naħa tagħhom, l-atturi jgħidu li l-provi mressqa ma jħallu ebda dubju li huma jgawdu minn interess ġuridiku, għaliex dak li qed jitolbu fir-Rikors Ġuramentat huwa ntiż biex jakkwistaw dak ir-riżultament vantaġġuż w utli għalihom[61];

Illi l-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjonijiet tal-imħarrkin. Il-Qorti, tqis li ċ-ċirkostanzi tal-kawża tal-lum jitfgħu dawl fuq qagħda fejn Interpharma ma tistax minn rajha tieħu deċiżjoni għaliex, fil-waqt li nfetħet din il-kawża, kienu diġà nfetħu l-proċeduri ta' likwidazzjoni u stralċ imnedija mill-imħarrkin infushom. F'dik il-qagħda, Interpharma ma setgħet tiftaħ l-ebda kawża hi. Hemm ukoll iċ-ċirkostanza li l-azzjoni attriċi m'hijiex waħda derivattiva, iżda waħda ta' riżarċiment ta' danni. Dan jingħad għalkemm ukoll fil-qafas ta' azzjoni derivattiva, hija kontemplata azzjoni personali li jgawdi l-azzjonist u azzjoni mitluba fl-interess tal-ġustizzja. Jidher li l-qrati tagħna wkoll għarfu ċirkostanza bħal din fejn l-interess ġuridiku – għalkemm jista' jkun wieħed limitat – ikun jinstab ukoll f'azzjonist partikolari ta' kumpannija. B'dan il-mod "*a shareholder may, in certain exceptional circumstances, institute an action to safeguard the interests of the company even though such action would normally vest in the company itself. ... a shareholder has an interest in protecting the company against prejudicial action and that he may institute proceedings to safeguard the company's rights on the basis of that interest when those normally entrusted with the task (that is, the directors in normal circumstances and, in this case, the controller) fail to do so. ... the shareholder must file the proceedings in his personal capacity qua shareholder and that the action be limited to what was strictly necessary to safeguard the company's rights*"[62] . Din is-silta tirrifletti l-fehma tal-Qorti tal-Appell f'azzjoni li kienet saret biex tistħarreġ ksib ta' ishma li tqies li saru bi ħsara għall-interessi tal-azzjonisti[63]. Fl-aħħarnett, kif se jissemma aktar 'il quddiem f'din is-sentenza, il-Qorti tagħraf li l-ħsara li azzjonist tal-kumpannija jista' jġarrab minħabba għemil jew imġiba

[60] Ara art. 402 tal-Kap 386
[61] Ara Nota ta' Sottomissjonijiet tal-atturi f'paġ. 1549 tal-proċess
[62] A Muscat *Principles of Maltese Company Law* (MUP, 2007) Chap XIV, § 3.3.2.3, f'paġ. 906
[63] Ara App. Ċiv. **21.7.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Paċe pro et noe et vs Bonello pro et noe*** (Kollez. Vol: **LXXX.ii.849**)

ta' direttur jaf ma tkunx il-ħsara li ġġarrab il-kumpannija bl-istess għemil, u għalhekk l-interess tal-azzjonist għall-għoti ta' rimedju jkun wieħed personali;

Illi l-Qorti tqis li meta wieħed iħares lejn is-siwi ta' eċċezzjoni li tqanqal dubju dwar jekk hemmx tassew l-interess ġuridiku tal-parti attriċi li ssostni l-kawża, wieħed irid iżomm ma' dak li jipprovdi l-artikolu 780 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u mal-prinċipji li sa minn żmien twil ilu ssawru biex ifissru x'inhu meħtieġ biex tali interess isejjes il-jedd tal-azzjoni. Biex tali interess ikun tutelat minn karattru ġuridiku, irid ikun iwassal għal riżultat ta' utilità u vantaġġ għal min irid jeżerċita l-jedd[64], b'mod li jekk l-azzjoni ma tistax twassal biex tipproduċi tali riżultat għal min jibdiha, dik l-azzjoni ma tistax treġi[65]. Kien minħabba dan il-prinċipju li għadd ta' sentenzi ċaħdu l-jedd tal-azzjoni lil min ried jikseb b'sentenza biss dikjarazzjoni mingħajr oġġett materjali[66];

Illi, minbarra dan, u dejjem għal dak li jirrigwarda l-aspett tal-attwalità tal-interess f'attur, irid jintwera li dak l-interess jibqa' jseħħ matul il-ħajja kollha tal-azzjoni, u mhux biss fil-bidu tagħha, għaliex jekk dan l-interess jintemm fix-xejn, il-konsegwenza immedjata tkun li l-imħarrek jinħeles milli jibqa' fil-kawza[67]. Hu stabilit ukoll mill-Qrati li dak li jfisser l-interess tal-attur għandu jkun jidher mill-att innifisu li bih tinbeda kawża[68], u għalkemm il-mottiv tal-interess mhux meħtieġ li jkun imsemmi fir-Rikors Maħluf, għandu jirriżulta mill-provi jekk kemm-il darba jiġi kuntrastat[69];

Illi l-interess mhux tabilfors ikun wieħed li jiġi kwantifikat f'somma determinata ta' flus jew ġid, u jista' jeżisti wkoll fejn jimmira li jħares jew jagħti għarfien għal jedd morali jew suġġettiv[70], imbasta l-jedd invokat ma jkunx wieħed ipotetiku[71];

Illi fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet kollha li saru s'issa, l-Qorti hija tal-fehma li m'għandhiex tilqa' din l-eċċezzjoni preliminari ta' imħarrkin. Fl-ewwel lok, l-azzjoni tal-atturi hija waħda attwali li titlob stħarriġ dwar għemil ta' diretturi li, fi kliem l-atturi, xejnu l-valur tal-ishma ta' Interpharma. Ilment ta' din l-għamla jsejjes l-interess ta' azzjonist ta' kumpannija li jitlob u jingħata rimedju jekk kemm-il darba kellu jirriżulta li l-imġiba ta' xi direttur tal-kumpannija kienet twassal għal ksur tad-dmirijiet li l-liġi titfa' fuq dak jew dawk id-diretturi[72]. Fit-tieni lok, l-interess tal-atturi huwa wieħed attwali,

[64] Ara App. Ċiv. **13.2.1953** fil-kawża fl-ismijiet ***Manché vs Montebello*** (Kollez. Vol: **XXXVII.i.56**)
[65] P.A. **7.1.1953** fil-kawża fl-ismijiet ***Camilleri vs Sammut*** (Kollez. Vol: **XXXVII.ii.605**)
[66] Ara App. Ċiv. **8.6.1942** fil-kawża fl-ismijiet ***Cortis vs Bonello*** (Kollez. Vol: **XXXI.i.218**)
[67] App. Ċiv. **17.2.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Sammut et noe vs Attard*** (Kollez. Vol: **LXXVII.ii.246**)
[68] Ara App. Ċiv. **3.12.1984** fil-kawża fl-ismijiet ***Borġ vs Caruana*** (Kollez. Vol: **LXVIII.ii.232**) u l-għadd ta' sentenzi hemm imsemmija
[69] Ara App. Ċiv. **12.12.1983** fil-kawża fl-ismijiet ***Ignazio Gatt vs Michael Debono et*** (mhix pubblikata)
[70] P.A. **13.10.1952** fil-kawża fl-ismijiet ***Axiaq vs Mizzi noe et*** (Kollez. Vol: **XXXVI.ii.532**)
[71] App. Ċiv. **15.12.1932** fil-kawża fl-ismijiet ***Scolaro vs Bailey*** (Kollez. Vol: **XXVII.ii.195**)
[72] V. Joffe Minority Shareholders: Law Practice and Procedure (2000) f'paġġ. 68 – 9

għaliex bl-aġir tad-diretturi ntlaqtu l-interessi diretti tal-atturi (kemm bħala kodiretturi u wkoll bħala azzjonisti), lil hinn mill-interess ta' Interpharma. Fit-tielet lok, fil-qagħda legali li Interpharma kienet tinsab fiha, l-istess kumpannija ma kinitx f'qagħda li tniedi minn rajha proċeduri kif qed jissuggerrixxu l-imħarrkin. Dawn iċ-ċirkostanzi kollha jsaħħu l-fehma tal-Qorti li l-atturi għandhom interess ġuridiku tutelabbli biex imexxu din il-kawża;

Illi r-raba' eċċezzjoni għalhekk m'hijiex sejra tintlaqa';

Illi l-Qorti sejra tgħaddi biex tqis **it-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet preliminari** dwar jekk l-imħarrkin Valletta Pharmaceuticals Limited u Pharma.MT Limited humiex il-kontraditturi leġittimi tal-azzjoni attriċi jew jekk għandhomx jinħelsu milli jibqgħu fil-kawża;

Illi l-imħarrkin iserrħu l-eċċezzjonijiet tagħhom prinċiparjament fuq il-fatt li t-talbiet attriċi huma biss indirizzati fil-konfront tal-imħarrkin Nicholl. L-atturi jilqgħu billi jgħidu li l-kumpanniji mħarrka ntużaw mill-imħarrkin biex idawru lejhom il-qligħ u l-kummerċ ġenerat mid-ditti li qabel kienu jaħdmu ma' Interpharma;

Illi l-Qorti qiegħda żżomm quddiem għajnejha d-dikjarazzjoni tal-atturi dwar l-għamla ta' azzjoni mnedija minnhom. B'dik id-dikjarazzjoni, huma ntrabtu man-natura ta' azzjoni li ħadu[73]. Il-kawża hija waħda għad-danni u mhijiex imsejsa fuq il-ksur jew inadempiment kuntrattwali. Għall-kuntrarju, hija azzjoni ta' danni akwiljani. Kif qalet fis-sentenza preliminari tagħha, din il-Qorti tistenna li l-atturi jippruvaw kif jixraq kemm l-allegazzjonijiet tagħhom fil-konfront tal-imħarrkin jew ta' min minnhom, u kif ukoll il-pretensjonijiet tagħhom favur tagħhom infushom. Mill-provi mressqa, u wara din il-Qorti qieset sewwa s-sottomissjonijiet imressqa mill-partijiet, għandu joħroġ li ma ngħata l-ebda ħjiel li Valletta Pharmaceuticals kienet imxiet mal-atturi b'xi mod abbużiv jew doluż. Tul is-smigħ tal-każ, l-atturi lanqas ma fissru kif u għaliex din il-Qorti kellha torbot lill-istess kumpannija mħarrkin mat-talbiet tagħhom;

Illi fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti qiegħda ssib li l-imsemmija kumpannija mħarrka ma hijiex il-kontradittriċi leġittima tal-pretensjonijiet attriċi u għandha tinħeles milli tibqa' iżjed fil-kawża u għalhekk issib li t-tieni eċċezzjoni preliminari hija tajba u jixraq tintlaqa';

Illi dwar il-kumpannija Pharma.MT forsi jgħodd ħsieb ieħor. Mill-mod kif żvolġew il-ġrajjiet tal-kwestjoni bejn Muscat u Nicholl, hemm x'juri li Pharma.MT twaqqfet biex biha jkun jista' jitkompla l-kummerċ ma' wħud mill-

[73] Paġ. 75 tal-proċess

provdituri ewlenin ta' Interpharma (Mepha) wara li din ixxolji. Mhux hekk biss, imma l-azzjonisti effettivi tagħha kienu persuni li kellhom rabta sfiqa ma' Interpharma u mdaħħlin sewwa f'parti mill-ħidma tagħha. Fuq kollox, tressqu provi li juru bla ebda dubju li, waqt li kien għaddej il-proċess biex Muscat u Nicholl imorru għal rashom u Interpharma tibda l-proċess ta' stralċ, Pharma.MT kienet attivament qiegħda tqiegħed is-sisien ma' Mepha u ma' Karib Kemi Pharma biex dawn jagħrfu lill-kumpannija mħarrka minflok lil Interpharma[74] u biex, fil-ġejjieni, din tkun l-għodda li tibda taħdem xi xogħol li kienet tagħmlu Interpharma;

Illi mingħajr ma l-Qorti tgħaddi xi ġudizzju dwar xi ħtija jew għemil mhux xieraq min-naħa ta' Pharma.MT f'dan il-waqt, issib li dak li ngħad dwar Valletta Pharmaceuticals ma jistax jgħodd għal Pharma.MT u għalhekk ma tqisx li t-tielet eċċezzjoni preliminari jistħoqqilha tintlaqa';

Illi jmiss li l-Qorti tqis **l-azzjoni attriċi fid-dawl tal-eċċezzjonijiet imressqin dwarha fil-mertu.** Kif ingħad qabel, in-natura essenzjali tal-azzjoni attriċi hija waħda għal risarċiment ta' dannu mġarrab marbut max-xilja li l-imħarrkin, jew min minnhom, jaħtu għal dan id-dannu. Il-parametri ta' azzjoni mibnija fuq il-ħtija akwiljana huma mfasslin mil-liġi nfisha. L-għajn ewlenija li ssejjes ir-responsabbiltà ċivili toħroġ minn imġiba li wieħed jislitha minn dolo jew kolpa[75];

Illi huwa prinċipju stabilit li kull persuna twieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtijietha[76], u li jitqies fi ħtija kull min, f'għemilu, ma jużax il-prudenza, għaqal u ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja[77]. B'mod partikolari, kull min, bil-ħsieb jew mingħajr ħsieb li jagħmel ħsara, għax ikun irid jew b'nuqqas ta' għaqal, ta' prudenza jew ta' ħsieb, jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa li biha jikser xi dmir impost mil-liġi, huwa obbligat li jagħmel tajjeb għall-ħsara li tiġri minħabba f'hekk[78]. Madankollu, ħsara li sseħħ b'aċċident jew b'forza maġġuri jbatiha dak li fuq ħwejġu tiġri l-ħsara, sakemm il-liġi ma tgħidx mod ieħor[79];

Illi fil-każ fejn persuna tallega li tkun ġarrbet ħsara minħabba l-għemil jew l-omissjoni tal-parti l-oħra, jeħtieġ li min jallega li ġarrab dannu jipprova kemm l-att jew l-omissjoni tal-persuna mixlija bir-responsabbiltà ta' dak l-għemil jew ta' dik l-omissjoni, u kif ukoll li d-danni mġarrba huma l-effett konsegwenzjali ta' dak l-għemil jew ta' dik l-omissjoni[80]. Għar-rigward tal-kwestjoni tar-responsabbiltà huwa meħtieġ li jintwera li l-atturi ġarrbu l-ħsarat li

[74] Dokti "M18", "CA2" u "CA1", f'paġġ. 200 u 594 – 5 tal-proċess
[75] P.A. PS **3.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Michael D'Amato noe vs Filomena Spiteri et***
[76] Art. 1031 tal-Kap 16
[77] Art. 1032(1) tal-Kap 16
[78] Art. 1033 tal-Kap 16
[79] Art. 1029 tal-Kap 16
[80] App. Ċiv. Inf. **23.6.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Ġiovanni Vella et vs Michael Ċilia***

minnhom jilmintaw u kif ukoll jeħtieġ li jintwera li l-imħarrek kien jaħti għalihom;

Illi konsiderazzjoni legal oħra li jeħtieġ li titqies f'kawża ta' din il-għamla hija r-regola tad-deprezzament. Illi filwaqt li danneġġjat għandu l-jedd li jitlob kumpens għal valur tal-utilità mitlufa, l-attur hu fid-dmir li jieħu l-miżura kollha raġonevoli biex inaqqas t-telf li jkun ġarrab bħala konsegwenza tal-fatt illeċitu[81];

Illi Muscat jibni l-azzjoni tagħhom għad-danni fuq iċ-ċirkostanza ewlenija li Nicholl ma ridux jibqgħu sħab magħhom fin-negozju li kellhom f'Interpharma, u jixluhom li għaldaqstant inkoraġġew lid-ditti barranin biex iġibu fit-tmiem tagħhom ir-relazzjoni li kellhom mal-istess kumpannija, billi jtemmu d-'*distribution agreements'* li kien hemm fis-seħħ bejniethom, u minflok, jaslu fi ftehim minn wara dahar Muscat biex l-istess ditti, jew il-biċċa l-kbira minnhom, jissieħbu fi ftehim ġdid dirett mal-kumpanniji mħarrkin li tagħhom Nicholl jew uliedhom kienu s-sidien effettivi u jew diretturi fihom;

Illi Muscat qegħdin jitolbu kumpens f'forma ta' danni għat-twaqqigħ fil-valur tal-ishma tagħhom f'Interpharma minħabba din l-imġiba ta' Nicholl, magħdud it-tnaqqis fil-valur ekonomiku tal-avvjament ta' Interpharma u telf tat-tkabbir tal-istess kumpannija fil-ġejjieni;

Illi, min-naħa tagħhom, Nicholl jiddefendu rwieħhom billi jgħidu li huma dejjem raw kif għamlu biex Interpharma tmur 'il quddiem fit-tkabbir tagħha, u kien id-diżgwid ta' bejniethom u t-telf tal-fiduċja reċiproka li wasslu għad-deċiżjoni li l-mixja twila tagħhom fin-negozju ma setgħetx titkompla flimkien u li ma kienx għad fadal triq oħra għal Interpharma għajr ix-xoljiment tagħha. Jgħidu li t-talba għax-xoljiment kienet ġustifikata għaliex kienet imsejsa fuq raġunijiet gravi li tagħrafhom il-liġi. Jgħidu wkoll li ma kisru ebda obbligu li kellhom lejn Interpharma u lanqas lejn Muscat bil-fatt waħdu li avviċinaw lid-ditti barranin li sa dak iż-żmien kienu jaħdmu ma' Interpharma u jgħarrfuhom b'li kien għaddej, aktar u aktar fil-qafas tal-proċess ta' stralċ ta' Interpharma li kien miexi fil-Qorti;

Illi fil-fehma tal-Qorti, il-punt tat-tluq ta' din il-kwestjoni huwa l-fatt li Nicholl ma ridux jibqgħu aktar f'negozju ma' Muscat f'Interpharma, u għaldaqstant riedu jaqsmu[82]. Min-naħa l-oħra, Muscat riedu li l-kumpannija tkompli miexja[83] u ma kinux jaraw għalfejn dak li kien ilu għaddej tajjeb għal bosta snin kellu jieqaf. Issa, fil-qafas ta' dawn iż-żewġ qagħdiet tal-partijiet, il-

[81] P.A. PS **28.03.2003** fil-kawża fl-ismjiet ***Michael Camilleri et vs Joseph Saliba*** (mhux appellata)
[82] Ara x-xhieda tal-imħarrek Anthony Nicholl mogħtija fil-kontro-eżami f'paġ. 1508 tal-proċess
[83] Ara affidavit tal-attur Anthony Muscat f'paġ. 80 tal-proċess

Qorti trid tara jekk huwiex minnu li Nicholl jaħtu għall-aġir illeċitu li Muscat jixluhom bih, u trid tqis ukoll jekk, minħabba f'dik l-imġiba, Muscat ġarrbux ħsara;

Illi hawnhekk il-Qorti qiegħda żżomm quddiem għajnejha li l-azzjoni ta' Muscat hija waħda għad-danni u kif ukoll li l-liġi[84] tgħid li min jagħmel użu minn jedd tiegħu fil-qies li trid il-liġi ma jweġibx għall-ħsara li tiġri b'tali użu. Ħarsa lejn il-qagħda li Interpharma kienet tinsab fiha fil-bidu tal-2007 tixhed li kienet inħalqet atmosfera fejn it-treġija tagħha ma setgħetx tibqa' sejra aktar f'dik id-direzzjoni[85]. Kien tnissel ambjent fejn it-treġija kienet naqset mill-komunikazzjoni bejnietha u fejn naqset il-fiduċja. Dawn huma ċirkostanzi li d-duttrina tagħraf bħala "gravi u serji" biżżejjed biex iwasslu għax-xoljiment ta' kumpannija[86]. Il-Qorti ma jidhrilhiex li għandha għalfejn tgħaddi biex tistħarreġ jekk dan sarx bi ħtija ta' xi naħa jew ta' oħra jew jekk dan kienx pjan imfassal b'xi għan ulterjuri minn xi naħa jew oħra, u dan għaliex Muscat infushom kienu waslu biex jaċċettaw – fil-proċeduri tal-istralċ – li kien hemm raġunijiet tajbin biżżejjed biex il-Qorti xxolji lil Interpharma;

Illi, madankollu, il-Qorti hija tal-fehma li din il-kostatazzjoni ma ġġibx fix-xejn il-ħtieġa li tistħarreġ l-ewwel talba attriċi. B'mod partikolari biex tqis jekk kienx hemm xiħaġa fl-imġiba ta' Nicholl li, fil-qafas ta' dan ix-xenarju f'Interpharma, messha ma saritx jew jekk saritx bi ħsara tal-interessi ta' Muscat. Kemm hu hekk, din il-Qorti tagħmel tagħha dan li ġej dwar meta direttur ta' kumpannija li għandu dmirijiet lejn azzjonisti partikolari ta' kumpannija. Jingħad hekk: "*If the duty is owed to the shareholder only and ex hypothesi the company has no cause of action, then the shareholder can recover such losses, if not too remote, as he can prove to have been caused by the defendant's conduct no matter that the losses arise through loss of dividends or his share of profits in the company or the fall in the value of his shares*"[87]. Biex dan iħalli l-frott għall-azzjonist ta' kumpannija, imma, huwa jkun irid jipprova li t-telf imġarrab minnu mhuwiex l-istess telf imġarrab mill-kumpannija li tagħha huwa wieħed mis-sidien (li huwa msejjaħ in-"*non-reflective loss principle*") u li l-kumpannija setgħet tfittex għalih hi;

Illi mill-provi li tressqu fl-atti jirriżulta li, f'Lulju 2007, Nicholl għarrfu lil Muscat bil-ħsieb tagħhom li ma jibqgħux aktar fi sħubija magħhom f'Interpharma, u f'Awwissu ta' dik is-sena tressqet l-ewwel proposta ta' qasma li kienet tikkonsisti, fost oħrajn, f'żewġ listi ta' ditti, liema proposta kellha turi parità fil-qasma ta' bejniethom. Minħabba li baqa' ma ntlaħaqx qbil,

[84] Art. 1030 tal-Kap 16
[85] Xhieda ta' Daniela Baldacchino f'paġ. 1088 tal-proċess
[86] Ara Muscat *op. cit.* Kap 16 paġġ. 1019 – 1023
[87] ***Johnson vs Gore Wood & Co* (1999)** BCC 474 (at 498b) u 2 AC 1 (2002)

f'Novembru, 2007 tressqet talba minn Nicholl fil-Qorti sabiex Interpharma tiġi xolta, u fi Frar, 2009, ġie maħtur stralċjatarju għal dan il-għan;

Illi Muscat jixlu lil Nicholl b'imġiba mhux ġusta fil-konfront ta' Interpharma u fil-konfront tagħhom bħala azzjonisti li tibda sa minn żmien qabel Lulju tas-sena 2007 u ssoktat għaddejja wara wkoll u saħansitra waqt li Interpharma kienet fi proċess ta' stralċ. Muscat jisħqu li Nicholl kien ilhom iħejju għal din il-qasma sa żmien qabel Lulju, 2007. Dan jarawh mil-laqgħat li Anthony Nicholl kien qed jattendi għalihom mad-ditti barranin minn wara dahar Muscat; bit-twaqqif ta' kumpanniji li kellhom bħala għan ewlieni negozju fil-mediċinali li jixbah l-għan ewlieni ta' Interpharma; billi ttantaw iġibu permess mill-Awtorità responsabbli mill-iżvilupp (il-MEPA) biex in-negozju jibda jsir minn fond ieħor; billi bagħtu barra minn Malta impjegata tal-kumpannija Interpharma għal kors ta' taħriġ u mbagħad, xhur wara, offrewlha mpjieg ma' waħda mill-kumpanniji tagħhom;

Illi Muscat jisħqu li wara Lulju, 2007 u qabel ix-xoljiment tal-kumpannija, Nicholl komplew bil-laqgħat mad-ditti barranin; waħedhom u mingħajr ma ġabu l-kunsens ta' l-atturi, għarrfu lid-ditti barranin bil-ħsieb li jaqsmu n-negozju u jitolbu x-xoljiment ta' Interpharma fin-nuqqas ta' ftehim; waħedhom u mingħajr ma ġabu l-kunsens ta' l-atturi, ħarġu ordni li ma jsirx aktar negozju minn Interpharma; ingaġġaw magħhom persuni ta' esperjenza li qabel kienu impjegati ma' Interpharma biex ikun hemm sens li ta' kontinwità ma' dak li kien isir f'dik il-kumpannija; bdew jirrappreżentaw f'Malta lil ditti li qabel kienu rrappreżentati minn Interpharma; talbu l-awtorizzazzjoni tal-Awtorità' dwar il-Mediċini sabiex ikunu jistgħu jbiegħu f'Malta l-mediċini f'isem l-istess ditti barranin; tefgħu offerta għal sejħa li ħareġ il-Gvern marbuta ma' xiri ta' mediċini taħt isem ta' kumpannija li kienu waqqfu għal dan il-għan; u billi għabbew lil Interpharma bi nfieq bla bżonn u mhux ġustifikat;

Illi, min-naħa l-oħra, Nicholl jgħidu li l-qasma kienet inevitabbli u li min naħa tagħhom imxew kif kellhom jimxu fiċ-ċirkostanzi li nħolqu. Jixlu lill-attur Anthony Muscat b'użu tal-infrastruttura ta' Interpharma għal medda twil ta' żmien biex imexxi negozju għal rasu; jixluh li ftit li xejn kien jagħti sehmu f'Interpharma, filwaqt li l-imħarrek Anthony Nicholl kien il-moħħ wara t-tmexxija b'suċċess tal-istess kumpannija għal tul taż żmien. Nicholl jisħqu wkoll li d-ditti barranin li ħallew tant frott f'Interpharma kienu nġabu fil-kumpannija fuq inizjattiva tal-imħarrek Anthony Nicholl u li d-ditti msemmija kienu jafu lilu u jittrattaw miegħu u mhux mal-attur Anthony Muscat u dan jispjega r-rabta li kellu magħhom. Jgħidu wkoll li l-kuntatti mad-ditti barranin ma sarx għal għan ta' gwadann personali, tant li l-imħarrek Anthony Nicholl avviċina ditti li hu kien lest li jgħaddi lil Muscat fil-qasma proposta;

Illi l-Qorti hija tal-fehma li ma hemm l-ebda dubju li l-imħarrek Anthony Nicholl kien il-moħħ wara Interpharma. Il-kumpannija ġiet imwaqqfa minnu żmien qabel daħal fiha l-attur Anthony Muscat, u jidher li baqa' jikkura u jkabbar in-negozju tagħha tul is-snin. Is-sens ta' inizjattiva u tmexxija fl-imħarrek toħroġ ukoll mill-mod li bih ittanta jagħlaq in-negozju ta' Interpharma. Lill-Qorti jirriżultalha wkoll li r-raġuni ewlenija wara l-qasma ta' Interpharma, aktar milli n-nuqqasijiet li l-imħarrek Anthony Nicholl jattribwixxi u jgħid li kienu qed idejquh fl-attur Anthony Muscat, kienet il-fatt li ulied Anthony Nicholl kienu kibru u huwa ċar li xtaq li wliedu jgawdu mill-frott tal-ħidma tiegħu fil-kumpannija mingħajr ma jkunu mdaħħlin "barranin". Wara kollox, jirriżulta wkoll li l-attur Anthony Muscat kien aktar moħħu fit-tmexxija tal-ispiżerija tiegħu milli fit-tmexxija ta' Interpharma, u li ibnu l-attur Malcolm Muscat kien impjegat fuq bażi '*full time*' mal-istess kumpannija. Il-Qorti tagħraf ukoll li n-negozju marbut mal-importazzjoni tal-mediċini huwa settur partikolari li jġorr miegħu riskji kbar, iżda jħalli qligħ daqstant kbir;

Illi dan kollu jrid jitqies fil-qafas ta' x'kienu d-dmirijiet ta' Nicholl lejn Muscat u wkoll lejn Interpharma. Muscat jixluhom b'mala fidi jekk mhux ukoll b'għemil qarrieq. Ingħad li "*compliance with the rule that directors must act honestly and in good faith in the best interest of the company is tested "on common sense principles, the court asking itself whether it is proved that the directors have not done what they honestly believed to be right, and normally accepting that they have unless satisfied that they have not behaved as honest men of business might be expected to act.".. .. ..Although it is for the directors and not the court to consider what is in the best interests of the company, the directors may breach that duty, even if they would not have acted with conscious dishonesty, if they fail to direct their minds to the question as to whether or not a proposed transaction is in fact in the interests of the company. .. .. "In the interests of the company" means the interests of the members and in exercising their powers, directors must act primarily in the interests of the members of the company as a whole. As has been discussed, directors, as a rule, owe their duties to the company and not to individual shareholders. .. .. .. The duty to act in the best interests of the company normally requires the directors to treat all shareholders equally* "[88];

Illi fid-dawl ta' dan kollu, u wara li qieset l-argumenti taż-żewġ partijiet u l-provi dokumentali mressqa quddiemha, il-Qorti tasal għall-fehma li d-difiża li ressqu l-imħarrkin la tiġġustifika u wisq anqas tegħleb ix-xiljiet ta' Muscat, f'dak li jirrigwarda 'manuvrar minn taħt' mad-ditti barranin u 'intenzjonijiet ulterjuri' wara t-tħaddim tan-negozju tal-kumpannija, bil-għan aħħari li Nicholl jdawru dawk iċ-ċirkosatanzi f'vantaġġ għalihom. Filwaqt li l-

---

[88] A Muscat *op. cit.* Kap VII, f'paġġ. 432 – 3

Qorti ma tqisx li għandha tilqa' l-argument ta' Muscat li Nicholl kien messhom jibqgħu jħabirku biex Interpharma tibqa' miexja akkost ta' kollox, lanqas ma ssib li kien xieraq li l-imħarrkin ifasslu pjan minn wara dahar Muscat biex, la tasal id-daqqa ta' Interpharma, jiġbdu lejhom id-ditti li għal bosta snin kienu s-sinsla ta' Interpharma u dawn isibu s-sodda mifruxa biex jibqgħu jaħdmu ma' Nicholl u l-kumpannija Pharma.MT. Mill-provi mressqa, jidher li dan il-pjan kien tfassal sa minn żmien qabel ma Nicholl għarrfu lil Muscat b'dak li riedu jagħmlu (jiġifieri li jxolju lil Interpharma) u sa minn qabel ma Nicholl ressqu l-ewwel proposta ta' kif kellhom jinqasmu d-ditti (li magħhom kienet taħdem Interpharma) bejn Muscat u Nicholl[89]. Joħroġ ukoll mill-fatt li Nicholl kienu, sa minn qabel, identifikaw minn fost l-impjegati ta' Interpharma liema minnhom kienu se jżommu u serrħulhom rashom li kellhom impieg jew rwoli ġodda maħsuba fil-kumpannija l-ġdida mwaqqfa mill-istess imħarrkin fl-eqqel tal-kwestjoni;

Illi għalhekk, safejn jirrigwarda l-qofol tal-azzjoni attriċi, il-Qorti ssib li dawn iċ-ċirkostanzi juru li Nicholl ma mxewx ma' Muscat bil-qies mitlub mil-liġi, iżda bi ħsara għalihom, u minħabba f'hekk ħolqulhom dannu għall-interessi tagħhom u għalhekk sejra ssib li **l-ewwel żewġ talbiet attriċi** huma mistħoqqa u jixraq jintlaqgħu;

Illi fir-rigward tat-**tielet u tar-raba' talbiet attriċi** jibda biex jingħad li f'kull azzjoni tad-danni, jaqa' fuq il-parti attriċi li tipprova kemm il-ħtija tal-parti mħarrka għall-għemil dannuż, kemm it-telf imġarrab minħabba dak l-għemil, u kif ukoll ir-rabta kawżali bejn l-għemil u t-telf imġarrab;

Illi Muscat jikkwantifikaw id-dannu mġarrab fl-ammont ta' erba' mija u sebgħin elf ewro (€470,000) u jitolbuhom mingħand Nicholl bħala kumpens[90]. Ta' min jgħid li f'mandat ta' Sekwestru kawtelatorju maħruġ għoxrin (20) jum qabel infetħet din il-kawża[91], Muscat kienu jippretendew li ġarrbu b'disa' mija u tnejn u għoxrin elf euro (€ 922,000) f' "danni, likwidati għall-finijiet tal-Mandat odjern, liema danni ġew ikkawżati lir-rikorrenti mis-sekwestrati permezz ta' l-aġir abbużiv tagħhom li wassal tnaqqis inġenti u irreparabbli fil-valur azzjonarju tal-protestanti fis-soċjetà Interpharma";

Illi Nicholl jilqgħu billi jgħidu li Muscat naqsu għal kollox li jressqu mqar l-iċken prova tad-danni tassew imġarrba u fiex kienu jikkonsistu, għaldaqstant jisħqu l-ammont mitlub mhux biss ma huwiex ġustifikat iżda bl-ebda mod ippruvat[92]. U qegħdin jgħidu sew;

[89] Ara x-xhieda ta' Dr Stefano Filletti f'paġġ. 98 u 102 tal-proċess
[90] Nota ta' Osservazzjonijiet ta' l-atturi f'paġġ. 1599 tal-proċess
[91] Sek. Nru. 1475/08
[92] Nota ta' Osservazzjonijiet tal-imħarrkin f'paġ. 1628 tal-proċess

Illi l-Qorti tqis li Muscat naqsu għal kollox milli jwettqu din il-parti tal-obbligu fil-kawża mibdija minnhom. Baqgħu ma ressqu qatt, fiż-żmien kollu li l-kawża kienet miexja, prospett li juri x'kienu l-ħsarat li ġarrbu huma (b'differenza minn dawk li setgħet ġarrbet Interpharma). Fit-tieni lok, meta l-attur Anthony Muscat intalab ifisser[93] fiex kienu jikkonsistu d-danni li Muscat jippretendu li ġarrbu, ma għarafx iwieġeb u għalkemm qal li dawn inħadmu fuq il-bejgħ, baqa' ma ressaqx il-"*workings*" li fuqhom inħadem dan it-telf preżunt. Fit-tielet lok, minkejja li Interpharma laħqet xoljiet sa bosta xhur qabel ma ngħalaq l-istadju tal-ġbir tal-provi u minkejja li ngħata żmien aktar minn biżżejjed biex Muscat jagħlqu l-provi tagħhom, ma tressqu l-ebda provi ta' danni mġarrba mill-atturi. Fir-raba' lok u b'ħarsien ta' dak li ssemma qabel f'din is-sentenza, id-dannu li dwaru Muscat fetħet din il-kawża ried ikun id-dannu li ġarrbu huma personalment u mhux dak imġarrab minn Interpharma (li mhijiex parti f'din il-kawża u lanqas jista' jingħad li din il-kawża saret fl-interess tagħha). Fil-ħames lok, Muscat kienu ressqu talbiet lil din il-Qorti biex taħtar perit biex jillikwida d-danni u, b'degriet li kienet tat[94], kienet qalet li jekk kellha ssirilha talba għall-ħatra ta' perit (komputista) dan kellu jsir wara li l-partijiet ikunu ressqu l-provi tagħhom: meta l-Qorti iddikjarat magħluq l-istadju tal-ġbir tal-provi taż-żewġ partijiet, ma saret l-ebda talba għall-ħatra ta' perit bħal dak u lanqas kienu tressqu provi tad-danni mġarrba;

Illi f'ċirkostanza bħal din, il-Qorti trid tħaddem ir-regola li *actore non probante reus absolvit* f'dan ir-rigward u ssib li ma tistax tilqa' u la t-tielet u lanqas ir-raba' talbiet attriċi minħabba li ma ġewx ippruvati. Il-Qorti ma jidhrilhiex li għandha tgħaddi biex twettaq likwidazzjoni *arbitrio boni viri* għaliex b'dan il-mod tkun qiegħda takkorda ħlas ta' kumpens mhux materjali li dwaru l-parti attriċi ma ġabet l-ebda prova[95];

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa' t-tieni eċċezzjoni preliminari** u ssib li l-kumpannija mħarrka Valletta Pharmaceuticals Limited ma hijiex il-kontradittriċi leġittima tal-pretensjonijiet u għalhekk qiegħda tinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju, bi spejjeż għall-atturi;

**Tiċħad it-tielet u r-raba' eċċezzjonijiet preliminari** bħala mhux mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt u ssib li l-kumpannija mħarrka Pharma.MT Limited hija kontradittriċi leġittima tal-azzjoni attriċi u li l-atturi għandhom interess ġuridiku li jmexxu 'l quddiem l-azzjoni tagħhom;

---

93 Ara l-kontro-eżami tiegħu, f'paġ. 1423 tal-proċess
94 Ara d-degriet tal-10.11.2011 f'paġ. 1230 tal-proċess
95 App. Ċiv. **27.3.2015** fil-kawża fl-ismijiet ***Salvatore Coppola et vs Ġerolama Busuttil***

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u ssib li l-imġiba tal-imħarrkin Nicholl u ta' Pharma.MT Limited fil-konfront tal-atturi kienet irregolari u lil hinn mill-qies li trid il-liġi;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u ssib li, bl-imġiba tagħhom, l-imħarrkin Nicholl u Pharma.MT Limited ikkawżaw danni lill-atturi;

**Tiċħad it-tielet talba attriċi** billi l-atturi ma ġabux provi li juru x'kien id-dannu li huma ġarrbu;

**Tiċħad ir-raba' talba attriċi** billi hija talba konsegwenzjali għal ta' qabilha; u

**Tordna** li l-**ispejjeż tal-kawża** jinqasmu ndaqs bejn il-partijiet, ħlief għal dawk ta' Valletta Pharmaceuticals Limited, li għandhom jerfgħuhom l-atturi.

**Moqrija**

**Onor Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**11 ta' Ġunju, 2020**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Reġistratur**

**11 ta' Ġunju, 2020**